MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Numru 166/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)
vs
Joseph Borg u Carmel Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Carmel Camilleri, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 711359(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, bhala direttur tas-socejta' Jaycee Catering Co. Ltd., proprjetarju jew amministratur tal-fond Cherry Tree Bar & Restaurant sitwat fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, Bugibba, bejn l-14 ta' Novembru 1997 u l-24 ta' April, 1999 u bejn l-10 ta' Jannar, 1996 u l-24 ta' April, 1999, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, ikkommetta serq ta' kwantita ta' elettriku

li jammonta ghal tlett mija u sebgha u ghoxrin liri Maltin u 44 centezmu (LM327.44), u hamest elef hames mija u hmistax il-lira Maltin u 51 centezmu (LM5515.51), rispettivament, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, (b) barra minn hekk, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, cioe' meter tad-dawl tal-ghamla 'Landes & Gyr', mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal erbgha u ghoxrin (LM24) liri Maltin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta;

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-Art 533(1) tal-Kodici Kriminali Kap. 9;

Semghet lill-imputat Carmel Camilleri jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha, u jibqa jsostni li ried jirregistra ammissjoni, minkejja l-fatt illi l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tatu zmien xieraq sabiex jirtiraha. Ghalhekk issibu hati.

Rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 261(f),263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 17, 20, 18, 279, 280, 281, 283, 325(1)(b), 533, 392 u 392A tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, hallas lill-korporazzjoni EneMalta l-ammont kollu dovut minnu, u ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni, ghalhekk ma tqisx piena karcerarja bhala idonea ghall-akkadut.

Ghalhekk wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna lill-hati sabiex, fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti, ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tordna illi l-atti flimkien ma kopja tas-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali kif provdut fl-Artikolu 401 (3) tal-Kap. 9.

---------------------------------TMIEM---------------------------------